

*Motivi invokati:* Ksur ta' l-Artikolu 8(1)(b) u 8(5) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, peress li t-trade marks kunfliġġenti huma simili ħafna mill-aspett viżiv minħabba arranġament identiku ta' disa' elementi, intrinsikament distintivi, preżenti kemm fit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni kif ukoll fil-maġġoranza tat-trade marks preċedenti.

**Rikors ippreżentat fit-2 ta' Jannar 2008 — G.M. Piccoli Srl vs L-UASI (Rappreżentazzjoni ta' arzella)**

(Kawża T-8/08)

(2008/C 64/91)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

**Partijiet**

*Ricorrenti:* G.M. Piccoli Srl (Alzano Lombardo, l-Italja) (rappreżentant: S. Giudici, avvocato)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla jew tibdel id-Deċiżjoni ta' l-Ewwel Bord ta' l-Appell tat-28 ta' Settembru 2007, u li ġiet innotifikata fit-23 ta' Ottubru 2007, tawtorizza r-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja tridimensjonali Nru 4522892 li tikkonsisti fil-forma stilizzata ta' arzella (arzella tal-pellegrini) anki sabiex tinkludi "brioche, brioche mimlija bil-krema, ġamm, ċikkulata u għasel".

— tikkundanna lill-UASI jbati l-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* trade mark tridimensjonali li tirrappreżenta arzella murija minn erba' naħat differenti (applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 4522892, għal prodotti fil-klassi 30).

*Deċiżjoni ta' l-eżaminatur:* Rifjut ta' l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni għal "preparazzjonijiet magħmula minn ċereali, għaġina, hlewriet u ġelati"

*Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell:* Ċħid tar-rikors.

*Motivi invokati:* Ksur ta' l-Artikoli 4 u 7(1)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 dwar it-trade mark Komunitarja, kif ukoll l-interpretazzjoni żbaljata ta' xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 89/104/KEE, biex jiġu approssimati l-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-trade marks. F'dan ir-rigward, jiġi osservat li kemm l-Artikolu 2 tad-Direttiva 89/104/KEE, kif ukoll l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 40/94, jippermettu espressament u b'mod ċar il-karattru distintiv intrinsiku, mhux biss ta' l-ippakjar tal-prodott, iżda anki tal-forma tagħha stess.

**Rikors ippreżentat fis-7 ta' Jannar 2008 — Volkswagen vs L-UASI (CAR SILHOUETTE III)**

(Kawża T-9/08)

(2008/C 64/92)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Volkswagen AG (Wolfsburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H.-P. Schrammek, C. Drzymalla, S. Risthaus, R. Jepsen, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord ta' l-Appell ta' l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tas-6 ta' Novembru 2007, innotifikata fid-9 ta' Novembru 2007, fil-każ R 1306/2007-4;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* It-trade mark internazzjonali figurattiva "CAR SILHOUETTE III" għal prodotti fil-klassi 12 (reġistrazzjoni internazzjonali, li tirreferi għall-Komunità Ewropea, Nru W 878 349).

*Deċiżjoni ta' l-eżaminatur:* Protezzjoni miċħuda.

*Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell:* Appell miċħud.